ADRIAN GRIMA

# Tarżan u l-Udjenza Tiegħu

## f'"Il-Ġnien" ta' Henry Holland

*verżjoni mhux finali**

Ħafna mill-analiżi tal-letteratura Maltija għadha maħkuma mill-idea li t-test kif jidher fuq il-paġna huwa "innoċenti" u meta taqrah m'għandekx "iddaħħal" jew tqis elementi li bħallikieku huma "mdendlin" miegħu, bħall-istorja jew l-ideoloġija tal-persuna li kitbitu, jew l-esperjenza ġdida li jġibu magħhom il-qarrejja meta jiltaqgħu mat-test. F'dan il-qari tal-poeżija "Il-Ġnien" ta' Henry Holland, li dehret għall-ewwel darba fl-1998,[1] se tingħata attenzjoni lil dawn ir-realtajiet li fil-fatt jinsabu *fil-qalba* tat-test, u lis-sehem determinanti tal-qarrejja fil-kreazzjoni u r-ri*kreazzjoni* kontinwa tat-test. Minħabba r-rikkezza tematika, allużiva, storika u lingwistika tagħha, il-poeżija "Il-Ġnien" ta' Henry Holland hija partikolarment addattata għal qari mnebbaħ mill-femminiżmu u l-kritika post-kolonjali. Barra minn hekk, hija poeżija li għandha l-ħila tiftaħ diskors ġdid dwar il-kitba u l-qari tal-letteratura u dwar il-kxif tal-forzi differenti li jinsabu f'kull xogħol letterarju.

### *Il-"ġ"*

Fil-poeżija"Il-Ġnien," il-maturazzjoni tat-tifel donnha sseħħ meta jirrealizza li l-mara hija iktar setgħana milli ġegħlitu jaħseb li hi l-kultura patrijarkali li trabba fiha, u meta jirrealizza li t-tfulija tiegħu kienet, tista' tgħid, "falza," post tal-kenn qarrieqi, ġnien-ġungla maċista fi ħdan ġungla urbana maħkuma, b'mod mhux daqstant sigriet, min-nisa. Il-poeżija tibda bi flashback tal-"ġgajta subien 'slavaġ'" jikkaċċjaw fil-ġnien tal-'Gotti' u b'pass meqjus u sod tersaq lejn l-għarfien skomdu u mimli emozzjonijiet mqallba ta' kif il-ġnien tal-ħajja jinsab f'idejn il-mara li dejjem lesta biex taħtaf il-priża tagħha u li donnha tinsab minn fuq fit-taqbida li tidher inevitabbli bejn ir-raġel u l-mara.

F'"Il-Ġnien" il-poeta josserva l-passaġġ tal-persuna mill-ġnien-ġungla idealizzata tat-tfulija għall-ġenna mġarrfa tal-kbar. Teknikament, din il-mogħdija minn stadju, jew aħjar minn post għall-ieħor tal-ħajja (permezz tal-lokalizzazzjoni taż-żmien), minn memorja (maħluqa) għal oħra, hija marbuta mal-ħoss tal-"ġ" li jorbot flimkien lill-"ġnien," il-"ġenna" il-"ġungla," u "ġġarrfet.". Hemm insistenza effettiva u interessanti fuq il-ħoss tal-"ġ" fl-ewwel strofa (ġnien, ġenna, ġungla, ġgajta, slavaġ, ħwejjeġ, siġar, ġejja, ġardinar) u fl-aħħar strofa (ġenna ġġarrfet, ġurat, ġisimha, raġel); fit-tieni strofa dan il-ħoss huwa assenti għal kollox. Il-poeżija tassoċja l-"ġ" minnufih mal-"ġnien" (tal-ħajja), mar-realtà kruda tal-ħajja tat-tfal (l-ewwel strofa) u tal-kbar (it-tielet strofa); fit-tieni strofa l-poeta jidher mitluf fih innifsu, maqtugħ, bħallikieku, mir-realtà kruda ta' ħajtu li taħkem fuq il-fażijiet differenti taż-żewġ strofi l-oħra, filwaqt li jimmedita dwar il-pożizzjoni tiegħu u r-rakkont li bih joħloq mill-ġdid il-memorja tiegħu li fl-aħħar mill-aħħar tinkwetah u tħawdu. F'ċertu sens, ir-ritorn mentali tiegħu lejn it-tfulija donnu huwa tentattiv biex jirkupra dak li hu jarah bħala l-hena bla xkiel ta' dak il-perijodu, imma ma jista' qatt jikseb mill-ġdid l-innoċenza taż-żmien meta

---

[1] "Il-Ġnien" dehret għall-ewwel darba fil-ktejjeb, *Proġett Bla Millennju*, ed. Adrian Grima (Malta: Koperattiva Kulturali Universitarja, 1998).

ma kienx jaf.[2] Il-konsegwenza inevitabbli ta' dan hija li l-istorja tiegħu se tieħdu lura lejn il-preżent, se ġġiegħlu jħares lejh innifsu jikteb l-istorja tiegħu mill-ġdid u għaldaqstant se jara lilu nnifsu joħloq il-jien tiegħu mill-ġdid, għax l-identitajiet ma tiskoprihomx imma jibnew b'mod attiv u konxju minn individwi u l-qari u l-kitba huwa elementi li jagħmlu parti minn dan il-proċess.[3]

L-identità, jew is-sens tal-Jien, tinbena mill-esperjenzi u n-narrattiva, u permezz tagħhom; in-narrattiva hija "l-istejjer li kollha kemm aħna nirrakkontaw lilna nfusna u lil xulxin dwar il-ħajja tagħna. Iżda l-kunċett tal-jien li jinbena f'dawn l-istejjer "jiddependi wkoll minn dak kollu li nassumu dwar il-funzjoni u l-proċess tal-memorja u t-tip ta' aċċess li tagħtina għall-imgħoddi."[4] Fi ħdan it-teorija psikanalitika hemm żewġ mudelli differenti tal-memorja li jispjegaw il-modi differenti kif nibnu mill-ġdid il-proċessi tal-memorja fin-narrattiva, u kif nibnu l-jien li jkun qed jiftakar. Dawn iż-żewġ mudelli jissuġġerihom Freud: minn naħa bl-użu frekwenti tiegħu tal-analoġija bejn kif nirkupraw l-imgħoddi midfun u niskavaw sit arkeoloġiku; u min-naħa l-oħra bir-riferiment tiegħu għat-"traskrizzjoni mill-ġdid" tal-memorji u l-prinċipju strutturali tan-"*Nachträglichkeit*" jew bl-Ingliż, "afterwardsness."[5] Holland iħares lura b' nostalġija, imma anki b'ironija, għax il-memorji, jew il-kostruzzjonijiet tiegħu ta' passat idealizzat ma jistgħux jinfirdu mill-esperjenzi ta' wara t-tfulija ta' min ikun qed jiftakar.

Il-"ġ" mifruxa tul l-ewwel strofa toħroġ b'qawwa u b'konsistenza l-aggressività jew il-ħruxija tas-subien "'slavaġ' jikkaċċjaw". Bħal f'poeżiji oħra ta' Holland, hemm fil ċar ta' maċiżmu li l-poeta donnu jħossu skomdu u komdu bih fl-istess ħin, għax waqt li r-raġel li qed jiftakar jidher li qed jieħu gost bil-memorji tat-tfulija, jintebaħ li ċ-ċertezzi u l-ambizzjonijiet ta' dak iż-żmien kienu fiergħa. Irid li l-memorja tieħdu lura lejn "passat mhux mibdul mill-mogħdija taż-żmien; memorji bħal dawn għandhom tendenza jkunu mgħarrqa f'sens ta' telfa u telfien, in-nostalġija li minnha jistgħu, għallinqas parzjalment, jinħolqu." Il-poeta jixxennaq għal żmien meta "ma kienx jaf x'se jiġri," jew, min-naħa l-oħra, "li jgħix l-imgħoddi bl-għarfien minn qabel ta' dak li se jseħħ" li dak iż-żmien ma kellux. "*But memory can only be reconstructed in time, and time, as Carolyn Steedman puts it, 'catches together what we know and what we do not yet know*.'"[6] Barra minn hekk, kif jissuġġerixxi Christopher Bollas, il-passaġġ taż-żmien huwa "minnu nnifsu trawmatiku" u fi ħdan il-proċessi tas-soltu tal-memorja, il-jien kontinwament jinħoloq u jinqered.[7] Minkejja l-mumenti ta' wens li toffri n-nostalġija, l-att tal-fakra fih innifsu ta' Holland iwassal inevitabbilment għal djalettika ta' ħolqien u qerda, ta' kostruzzjoni u distruzzjoni. Ladarba topera "fil-preżent," il-memorja ma tistax tiġbor fiha l-għarfien ta' "dak li ma kienx magħruf dak iż-żmien."; il-kunċett tan- *Nachträglichkeit* "tattakka l-fehma li aħna nistgħu nirkupraw l-imgħoddi kif kien u nerġgħu ngħaqqdu l-jien tal-passat u tal-preżent mingħajr problemi ta'

---

[2] Kwotazzjoni ta' Greenman meħuda minn King, "the 'innocence' of the time when he 'didn't know.'" Nicola King, *Memory, Narrative, Identity. Remembering the Self* (Edinburgh University Press, 2000), 1.
[3] King, 7.
[4] King, 2-3.
[5] King, 11.
[6] King, 2.
[7] King, 12.

xejn."[8] Il-poeżija "Il-Ġnien" hija mimlija b'dan is-sens ta' frammentazzjoni u diżorjentazzjoni.

Ir-ritorn tal-"ġ" fl-aħħar strofa jġib lir-raġel wiċċ imb'wiċċ ma' realtà li jkollu jammetti li ma jifhimhiex u li jħossu ilsir tagħha, għax l-għarfien huwa poter u n-nuqqas tiegħu huwa dgħufija u subordinazzjoni. Holland jiżviluppa dan il-punt dwar id-delużjoni tar-raġel billi jkompli jibni fuq ix-xbihat tal-ħlejqiet tal-ġnien. Waqt li l-fiduċja fih innifsu qabel fissirha billi wera kemm jaf dwar il-ħlejjaq, u għalhekk stabbilixxa s-superjorità tiegħu fuqhom u fuq sħabu, issa jikxef, kontra qalbu u bil-mistħija, id-dgħufija tiegħu quddiem dak li ma jafx u ma jifhimx: id-debba tax-Xitan. Il-ġardinar, li fil-bidu tal-poeżija jiġi ppreżentat mit-tfal bħala bniedem goff u aktarx nieqes mill-ħila li jaħseb u jifhem l-affarijiet, huwa l-uniku wieħed li jaf fuq dan l-insett partikulari: fuq livell wieħed, it-tfal jinqarsu għax jirrealizzaw li minkejja l-pretensjonijiet tagħhom "il-gurilla s-sewda" primittiva taf aktar minnhom, u fuq il-livell l-ieħor ir-raġel jiġi wiċċ imb'wiċċ man-nuqqas ta' ħila tiegħu li jifhem ir-relazzjoni importanti tiegħu mal-mara u għalhekk man-nuqqas ta' ħakma tiegħu fuq il-ħajja.

## Id-Debba tax-Xitan

Meta naqraw ċerti testi, tgħid Nicola King, ninqdew bil-memorja tagħna bħala qarrejja biex "niddeċifraw" il-ħjiel u biex nirrikostruwixxu l-ġrajjiet: aħna naqra, skont Peter Brooks, "[*in*] *anticipation of retrospection*," għax "dak li nkunu għadna rridu naqraw jirristruttura t-tifsiriet ta' dak li nkunu diġà qrajna."[9] Wara l-ewwel qari tal-poeżija, aħna l-qarrejja aktarx nissuspettaw li hemm implikazzjonijiet fl-ewwel parti, li għall-bidu tidher tant "innoċenti," li aktarx ħarbulna. Qari mill-ġdid tal-ewwel strofa ta' "Il-Ġnien" jissuġġerixxi li l-maċiżmu tas-subien slavaġ jista' jkun parti minn strateġija aktar mifruxa tal-irġiel li tgħatti d-dgħufija mitwielda fihom (bħala rġiel), u li tħejji lis-subien għal-laqgħa/taqbida tagħhom mal-*femme fatale* perikoluża li kapaċi tiekol lir-raġel. Dan il-punt jiżviluppa ruħu sew fl-aħħar vers tal-poeżija bir-riferiment għad-debba tax-Xitan. Fid-dizzjunarju monumentali tiegħu, *Il-Miklem Malti*, Erin Serracino Inglott jispjega li d-debba tax-Xitan, magħrufa wkoll bħala d-debba tal-Infern, hija insett, bil-ġwienaħ u mdaqqas, ta' lewn ġeneralment aħdar, li jaf jinħeba sewwa fil-ħaxix baxx li fih ibejjet. Iħobb is-sħana u x-xemx u jaf joqgħod wieqaf, b'idejh għolja, qisu qed jitlob, biex jaqbad in-nemus u insetti oħra. L-isem tekniku tiegħu huwa "*Mantis religiosa.*" Il-lessikografu jgħid ukoll, però, li figurattivament, id-debba tax-Xitan (bħad-"debba") hija "mara mħarrka ftit żżejjed, bardaxa," u hemm qawl li jgħid li "Bint id-debba l-ġerrejja, jekk ma tiħux l-ewwel dis-sena tieħu f'li ġejja."[10] Aquilina jagħti varjanti ta' dan il-qawl: "*Debba ġerrejja tagħmel uliedha ġerrejja*."[11] Qawl ieħor jgħid li "Jekk l-omm tkun żimlija, il-bint tkun imdorrija." "Żiemla" hija prostituta, u għaldaqstant mara żimlija ġġib ruħha b'mod sesswalment mhux xieraq.[12]

---

[8] Ibid.

[9] King 6.

[10] Erin Serracino Inglott, *Il-Miklem Malti*, 9 vol. (Malta: KKM, 1975-1989).

[11] Joseph Aquilina, *A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs* (Malta: Malta University Press, 1986) 171-172, qawl nru. 6.

[12] Dan il-qawl jagħtuh ukoll Joseph S. De' Conti Manduca u Ġorġ Mifsud f'*Il-Qawl Iqul* (Malta: PEG, 1989), 128, nru. 2017. Ara wkoll dan il-proverbju inkredibbli magħti minn Joseph Aquilina, *Comparative Dictionary of Maltese Proverbs*, 172, nru. 7: "*Il-bint għandha tiskot, toqgħod fir-rokna, tilbes il-għoqod, tiekol il-loqom.*"

Id-debba tax-Xitan hija insett feroċi li jattakka kull insett iżgħar minnu li jersaq lejh. Għad-debba tax-Xitan raġel, iż-żmien tan-namra huwa żmien perikoluż għax meta jersaq lejn il-mara, li hi ikbar minnu, ikun qed jissogra li taħtfu u tieklu bħalma tagħmel b'insetti oħra. Fil-fatt, ħafna rġiel tad-debba tax-Xitan jispiċċaw jittieklu mill-mara wara li jkunu għammruha.[13] "*In some species, the female eats the male's head while mating. His headless body continues copulating. Then she devours the rest of him.*"[14] Holland jinqeda biż-żewġ tifsiriet tal-isem "debba tax-Xitan" biex jindika mill-inqas żewġ livelli ta' tifsir: il-ħlejqa femminili li qed jitkellem fuqha hija insett feroċi li jgħammar fil-ġnien tal-'Gotti' iżda hija wkoll il-mara moralment laxka, li wara li tiġbed lir-raġel lejha, taħkmu ("tieklu"), jiġifieri teqirdu darba għal dejjem.

Għal Aquilina (*Maltese-English Dictionary*) id-debba tax-Xitan hija l-*praying mantis*, iżda bħal Dun Karm Psaila (*Dizzjunarju Ingliż-Malti*) jsejħilha wkoll *dragonfly*. Dan huwa żball, għax *dragonfly* bil-Malti hija "mazzarell" (*Appuntamenti man-Natura*). Madankollu, bejn dawn iż-żewġ insetti hemm ċertu xebh fiżiku li jista' jqarraq b'dak li jkun. Dan huwa dettall importanti għax jekk id-debba tax-Xitan nassoċjawha, jew saħansitra nidentifikawha, imqar bi żball, mad-*dragonfly*, ifisser li hemm rabta ċara bejn it-tieni strofa u l-aħħar kliem tal-poeżija. Il-mazzarell (jew "ċikkuġwiebi", għax jittajjar qrib il-ġwiebi mimlijin ilma) "ftit li xejn joqgħod bi kwietu; il-biċċa l-kbira tal-ġurnata jqattagħha jittajjar" u jitqies bħala "kaċċatur feroċi" (eku tas-"subien 'slavaġ'" jikkaċċjaw tal-ewwel strofa). Fir-relazzjoni tiegħu mal-mara, il-mazzarell raġel ma jgħaddix mill-periklu li jgħaddi minnu d-debba tax-xitan raġel. Il-proċess mill-"ħelikopter" (l-isem "mhux preċiż" li jagħtu ħafna mit-tfal lill-mazzarell) għad-"*dragonfly*" (isem preċiż li jirrifletti edukazzjoni, imqar jekk barranija), għall-"ġurat", u mbagħad għad-"debba tax-Xitan" jirrifletti l-proċess ta' maturazzjoni, jew aħjar ta' għarfien tal-ħajja, tat-tifel li bil-mod, u aktarx kontra qalbu, qed isir raġel.

It-tielet strofa tiftaħ bl-istqarrija qawwija u malinkonika tar-raġel diżilluż li darba ra l-ġenna tiegħu tiġġarraf. Din hi t-tieni darba li l-poeta qed jinqeda bil-kelma "ġenna;" il-parentesi dwar il-"ġenna" fiha ħdax-il vers. L-ingredjenti ewlenin tal-ħajja fil-"ġenna" huma t-tfulija tat-tifel ma' subien oħra; l-avventura u s-salvaġiżmu (fis-sens ta' aggressività u primittività); il-kuntatt man-natura, imqar jekk iddominat minn insensittività, diżrispett u vjolenza bla sens; l-attenzjoni li t-tifel jagħti lilu nnifsu; u t-tagħlim mogħti lit-tfal li jimliehom bihom infushom għax iġegħelhom jaraw lilhom infushom bħala membri ta' razza (il-bnedmin) li mingħajrha d-dinja, bil-ħlejjaq l-oħra kollha, tibqa' salvaġġa, primittiva, injoranta ("*Untamed World*"). Fil-kuntest ta' din il-poeżija, l-"iskola privata" donnha tagħti lil dawk li huma assoċjati magħha l-idea li huma superjuri saħansitra għal bnedmin oħra. Meta qrajt verżjoni aktar bikrija ta' dan l-istudju fil-pubbliku fis-seminar "It-Trankwillità Qarrieqa tat-Test" ta' Novembru, 2003, Henry Holland fisser li hu kien l-uniku wieħed fil-ġgajta li mar skola privata u sħabu kienu jarawh ftit jew wisq bħala "barrani."

> *My familiarity with the English language sort of made me stand out although we all came from a lower middle class background. This "dilemma" so to speak put me in a position of*

[13] Alfred E. Baldacchino, Edwin Lanfranco and Patrick J. Schembri, *Appuntamenti man-Natura* (Malta: Merlin Library, 1990) 46-47.

[14] From the website of the United States Natural Resources Defense Council at http://www.nrdc.org/features/featcrea/mantprin.html

*leader and stranger at the same time. I was expected to "know" more but was looked upon rather quizzically if I did not.*[15]

F'"Il-Ġnien," din l-arja ta' superjorità tiegħu mhux biss bħala tifel iżda anki bħala tifel aktar intelliġenti, u dan is-sens ta' kburija, jġieghlu lit-tifel iħossu importanti u jimlewh bil-fiduċja fih innifsu. Din hi wkoll l-arja tat-tifel-raġel li jippretendi li ħadd ma jista' għalih u li l-oħrajn, speċjalment in-nisa, iridu joqogħdu għad-digrieti tiegħu. Is-subien iħossuhom superjuri wkoll għall-ġardinar, aktarx għax jarawh bla skola, mhux attraenti, rozz, primittiv u mhux ikkultivat "biżżejjed" (jiġifieri daqshom).

Din il-bużżieqa kbira tinfaqa' f'wiċċ it-tifel-raġel meta l-mara tumiljah u tikxef l-inkapaċità tiegħu li jifhem xi ġralu. Minn tifel, mingħalih membru tar-razza superjuri tal-bnedmin u membru tal-ġens superjuri tal-irġiel, mingħalih l-ewwel ħlejqa ("Adam"), bassâr u interlokutur privileġġjat mal-ispirti (ix-"xaman"), it-tifel-raġel jintebaħ li lanqas jaf l-affarijiet li jaf il-ġardinar; jirrealizza li huwa inferjuri għall-"gurilla s-sewda" li tant iddieħqu biha hu u sħabu.

Iżda forsi l-iktar sentiment qawwi li f'"Il-Ġnien" huwa l-biża' li jaħkem lir-raġel meta jintebaħ bis-setgħa u l-qilla tal-mara u bid-dgħufija tiegħu; jibża' u jingħalaq fih innifsu, ma jrid jaf b'xejn u b'ħadd: "Ma nafx, ħalluni, ma nafx!" Imma fil-verità jaf u ma jridx ikompli jħabbat wiċċu mal-"għera" u l-"umiljazzjoni."

L-għażla tal-metafora, pjuttost komuni, tal-għera titlob kumment. L-għera hija assoċjata mal-umiljazzjoni, mal-mistħija, iżda tirreferi wkoll għad-dgħufija tiegħu, għan-nuqqas ta' kontroll tiegħu fuq ħajtu stess. Barra minn hekk, ix-xbieha tal-bniedem għarwien tfakkarna fl-istorja ta' Adam u Eva li saru konxji u bdew jistħu mill-għera tagħhom meta l-mara għażlet li tiekol mis-siġra li Alla kien ikkmandahom biex ma jiklux minnha u tat il-frott lir-raġel biex jagħmel l-istess.[16] Għal Adam, li jissemma fl-ewwel vers tat-tieni strofa u li r-raġel jidentifika ruħu miegħu, il-kaġun tal-mistħija u tad-dgħufija tiegħu, irrappreżentati mill-għera, huwa Eva. Lil Alla Adam jgħidlu: "Il-mara li int tajtni miegħi, hi tatni mis-siġra, u kilt."[17] Il-ktieb tal-Ġenesi jissuġġerixxi li Eva ħadet il-frotta għax twebblet li tikseb l-għerf, li ssir bħal Alla.[18] Fil-fatt, skont il-Ġenesi l-ewwel raġuni li għaliha Eva għamlet dak li għamlet kienet li l-frotta kienet "kienet tajba s-siġra għall-ikel u sabiħa fil-għajn" hija ddominata minn dak li għallmuna naraw bħala l-ambizzjoni inkontrollabbli u awto-distruttiva ta' Eva, u mhux bħala s-sens ta' avventura jew l-impulsività tagħha.[19] Fil-poeżija, "Il-Ġnien" jitlef is-

---

[15] Kumment ta' Holland stess dwar "Il-Ġnien" li tlabtu biex jikteb f'Marzu tal-2004.

[16] Ġenesi 3:11: "U [Alla] qallu: 'Min uriek li int għarwien? Ewwilla kilt mis-siġra li amartek biex ma tikolx minnha?' U wieġeb ir-raġel: 'Il-mara li int tajtni miegħi, hi tatni mis-siġra, u kilt.'" Ġenesi 3:6: "Rat il-mara li kienet tajba s-siġra għall-ikel u sabiħa fil-għajn u ta' min jixtieqha biex jaqla' d-dehen u ħadet minn frottha u kielet u tat ukoll lir-raġel tagħha li kien magħha, u kiel." Il-kwotazzjonijiet mit-Testment il-Qadim huma minn Pietru Pawl Saydon, *Bibbja Saydon*, l-1 vol. (Malta: MUSEUM, 1982).

[17] Ġenesi 3:12.

[18] Ġenesi 3:5. Is-serp jgħid lil Eva li Alla ma jridhomx jieklu mis-siġra għax Alla jaf "li meta tieklu minnu jinfetħu għajnejkom, u tkunu bħal Alla, tagħrfu l-ġid u d-deni."

[19] Is-sess m'għandux x'jaqsam mal-waqgħa ta' Adam u Eva fi-Ġenesi. Id-dnub tagħhom huwa d-diżubbedjenza, għax kielu mis-siġra tal-għerf, jiġifieri dik li skont is-serp kapaċi tagħtilhom l-għarfien li għandu Alla. Eva, li waqgħet għat-tentazzjoni ts-serp li tieħu mill-frott, tingħata t-tort kollu minn Adam, bħallikieku hi kellha l-għażla li ma tidnibx u hu, miskin, minħabba fiha, ma kellux. Bħal Adam, il-knisja nisranija tal-bidu tat it-tort

sbuħija tiegħu meta r-raġel jirrealizza li l-mara għandha "mqass," strument li kapaċi jikkastra, naturalment, li jista' jċaħħdu mill-virilità tiegħu; *femme fatale* oħra tal-Bibbja, Dalila, tinqeda bl-imqass biex tisraq saħħet Sansun fil-Ktieb tal-Imħallfin.[20]

Fid-dinja-ġnien ta' din il-poeżija ta' Holland, bħalma fl-ewwel ktieb tal-Ġenesi kif tgħallimna niftakruh, li fih il-ġnien tal-"Eden," kelma li tfisser "pjaċir" u "kuntentizza," kien "*earth in its highest perfection*,"[21] il-ħajja kienet "ġenna" qabel ma daħlet il-mara. Hemm ukoll l-idea li "l-ġnien" tal-poeżija kien xi tip ta' "*Untamed World*" jew il-ġungla idealizzata ta' "Tarżan," spazju bla nisa u mhux mittiefes mill-idejn tal-bnedmin immansati. Minħabba l-primittività apparenti tiegħu, il-ġardinar, "il-gurilla s-sewda," huwa ppreżentat bħala sieħeb dehen tal-ġungla "salvaġġa." Din il-ġungla idealizzata tirrappreżenta l-ħajja primittiva idillika, għax goffa u rozza. Hija d-dinja avventuruża tal-irġiel ta' Tarżan li fiha l-mara tħossha mhedda, barra minn postha, dgħajfa u dipendenti mis-saħħa u l-qlubija tar-raġel. Għalhekk, il-mara għandha interess teqridha din il-ġungla idealizzata, u f'din il-poeżija teqridha, bħal Dalila, bil-ħżunija ta' moħħha, bl-ingann; teqridha b'dik l-istess femminilità li biha tisseduċi lir-raġel. Il-mara ta' "Il-Ġnien" hija l-ġurat żgħir li jaffronta l-ġungla enormi, "mastodontika," u jaħkimha bi kliem seduċenti li jagħmiha. Fil-ġnien "iddomestikat," jiġifieri fl-ispazju maħkum mill-ordni tad-"dar" tal-mara, ir-raġel jispiċċa jisħet u jwarrab il-ħajja għax il-mara biddlet il-forza primittiva "awtentika"tal-ġungla fi ġnien mans.

Il-kultura Kattolika, patrijarkali tagħna għallmitna nħarsu lejn il-mara bħala Xitan, għax bħas-serp tal-Ġenesi lir-raġel twiegħdu għerf bħal ta' Alla imma ma tgħidlux li l-prezz li se jkollu jħallas huwa l-jasar. Id-diskors dwar it-tfulija tat-tifel mal-ġgajta subien slavaġ jikkaċċjaw huwa tħejjija għad-diskors dwar il-mod kif it-tifel li jsir raġel jisfa l-vittma ta' kull Eva u Dalila tad-dinja b'idejhom "imqass." Matul is-snin, il-Knisja Kattolika Maltija ddominata mill-irġiel kellha, u għad għandha, sehem ewlieni fid-definizzjoni ta' x'għandha tkun l-imġiba tal-mara. F'ittra pastorali tal-2000, l-isqfijiet ta' Malta u Għawdex iddefendew il-pożizzjoni tal-knisja lokali fuq ir-rwol tal-"mara fil-hajja tal-Knisja" u sostnew l-identifikazzjoni tal-mara mal-maternità: "il-mudell għall-mara fil-ħajja tal-Knisja trid tkun proprju Marija." Fil-verżjoni bl-Ingliż, Marija "*takes her place* with Christ's messianic service" (bl-enfasi tiegħi).[22] L-isqfijiet jixħtu l-attenzjoni tagħhom fuq dawk li jarawhom bħala eżempji tal-ħafna kwalitajiet sbieħ tan-nisa, fosthom "il-"ħniena, il-mogħdrija u l-kura tal-oħrajn, bħal ta' min hu ċkejken, batut u fil-bżonn -- kwalitajiet li l-Papa preżenti jsejħilhom 'il-ġenju tal-mara.'" Imbagħad l-isqfijiet jagħmluha ċara li "l-Knisja trid li n-nisa insara jagħrfu sew u b'mod sħiħ il-kobor tal-missjoni tagħhom," dik il-missjoni, jiġifieri, li jispjegawlhom huma stess fl-ittra pastorali tagħhom. Skont l-istoriku Joseph M. Pirotta, wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-emanċipazzjoni tal-mara Maltija nkisbet minkejja l-oppożiżżjoni qawwija tal-irġiel, u minkejja l-oppożizzjoni, ħafna drabi fil-miftuħ, ta' membri

---

kolu lil Eva. Alla jikkastigahom it-tnejn: il-kastig ta' Eva huwa li trid tbati biex twelled u n-nuqqas ta' ugwaljanza, għax ir-raġel jingħata l-jedd li jaħkem fuqha. *And Adam Knew Eve: A Dictionary of Sex in the Bible*, by Ronald L. Ecker (Palatka, Florida: Hodge & Braddock, 1995). 18 ta' Jannar, 2005. http://www.hobrad.com/anda.htm#ADAM.

[20] Imħallfin 16:19: "U hi raqqditu fuq irkubbtejha u sejħet raġel u qarwiżlu s-seba' dafriet ta' rasu, u beda jagħkes u marret il-qawwa tiegħu minn fuqu."

[21] Matthew Henry, *Exposition of the Old and New Testaments*, http://www.gospelcom.net/eword/comments/genesis/mh/genesis2.htm

[22] *The Sunday Times* (Malta), August 13, 2000.

tal-kleru,[23] għax il-Knisja Maltija kienet, u f'ħafna sens għadha tinsisti li post il-mara huwa fid-dar. Il-mara perikoluża ta' Holland hija l-antitesi tax-xbieha tal-mara sewwa, għaqlija, mibnija mill-Knisja, u għaldaqstant hija theddida għall-kultura u l-ideoloġija tagħha ddominata mill-irġiel.

## Kultura ta' Poter

Ladarba jqiegħed ir-riferimenti tiegħu għal "Tarżan" u "*skola privata*, 'Look & Learn', 'Untamed World', *eċċ*." fil-parentesi, Holland jistabbilixxi li hu konxju tal-memorja kulturali li qed iqabbad magħha u li qed ibiegħed lilu nnifsu bħala kittieb adult u osservatur matur mill-perċezzjonijiet tiegħu ta' meta kien tfajjel. Hemm ħajta ironija fil-mod kif hu jagħżel lil Tarżan mit-trio li jinkludi wkoll lil Adam u lix-xamann, billi jqiegħdu fil-parentesi. Fil-memorja kulturali tagħna, Tarżan huwa figura marbuta mat-tfulija. Meta ċempilt lil numru ta' ħwienet tal-kotba ewlenin f'Malta biex nara għandhomx kopji tar-rumanzi dwar Tarżan tar-rumanzier Nord-Amerikan, Edgar Rice Burroughs, għamilt ħilti biex ninstema' serju u naf x'qed ngħid, iżda xorta ħafna minn dawk li kellimt ma kellhom ebda ħjiel li Tarżan seta' ma jkunx biss persunaġġ mill-cartoons tat-tfal. Inċidentalment, f'*Il-Gaġġa* (1973) ta' Frans Sammut, wieħed mill-aktar rumanzi rappreżentattivi tal-mewġa ġdida ta' letteratura Maltija ta' wara l-Indipendenza, Tarżan huwa assoċjat ma' John Wayne u l-"ħmerijiet l-oħra."[24] Għalhekk il-poeta joqgħod attent li jbiegħed lilu nnifsu mill-fantasiji tat-tfulija u fl-istess aħna u naqraw nilmħu l-hena tiegħu f'dawn il-memorji sbieħ li huwa xhieda li hemm iżjed x'tixtarr minn sempliċi nostalġija u fantasiji. Il-poeta jibissem lejn Henry Holland it-tifel li jara lilu nnifsu bħala Adam, l-ewwel raġel, jew ix-xamann, jew anki Tarżan, ir-Re tax-Xadini, is-Sultan tal-Ġungla.[25] Hemm ċertu faraġ u mistrieħ f'dawn il-memorji li ġew mill-edukazzjoni formali u l-kultura informali tiegħu: hu jaf li Tarżan huwa storja, narrazzjoni; jista' jkun ukoll li jissuspetta li din in-narrazzjoni hija parti mid-diskors tal-imperu, u żgur li hu konxju li hija parti mid-diskors dwar id-dominazzjoni tal-bojod. Iżda f'dinja mwiegħra fejn jgħixu nisa seduċenti din hija memorja li twennsu.

Madankollu, il-qarrejja ta' llum ma jistgħux sempliċiment iħallu n-nostalġija tiġri bihom. Minn naħa, il-kultura kollettiva li fiha ssib postha l-memorja tal-imgħoddi mhux wisq imbiegħed tal-poeta tidealizza l-ġenna suppost "primittiva" u avventuruża tal-ġungla-ġnien-ġenna tas-subien; imma min-naħa l-oħra, din il-kultura hija wkoll ħatja tal-preġudizzji dwar l-"Indios" anonimi li jitqiesu bħala sotto-żviluppati u differenti fi ħwejjiġhom – jiġifieri inferjuri. Il-poeta ma jisfidax dawn l-isterjotipi dwar l-Indios jew dwar l-Amażon imbiegħda: jekk xejn, li jagħmel hu li juża dawn l-isterjotipi biex jirrikrea d-dinja tat-tfulija tiegħu li kienet magħġuna minn din il-kultura li tqiegħed lill-Punent ċivilizzat kontra l-Oħrajn, is-slavaġ, li jista' jitqabblu mas-subien żgħar u mhux edukati tad-dinja ċivilizzata imma mhux mal-adulti sofistikati u superjuri. Dan aktarx li hu sterjotip inkonxju dwar in-

---

[23] Joseph M. Pirotta, *Fortress Colony: The Final Act 1945-1964 – Vol. I, 1945-1954* (Malta: Studia Editions, 1987), 12.

[24] Frans Sammut, *Il-Gaġġa*. 2nd ed. (Malta: Aquilina, 1973), 31 and 34: "*Iċ-ċinema-remissa bit-Tarżan u l-John Wayne u l-ħmerijiet l-oħra.*"

[25] Hemm ukoll konnessjoni bejn Tarżan u x-xamann. F'artiklu li jinsab hawnhekk, http://www.kirjasto.sci.fi/erburrou.htm, Petri Liukkonen josserva li "with the help of animals - mostly elephants and apes - Tarzan gains the unofficial status of the king of the jungle, and gains immortality through an African shaman's secret formula." (Dħalt f'das-sit fit-30.12.04)

nies tal-ġungla li hu parti mill-inkonxju kollettiv tagħna fil-Punent nisrani. Holland ma jitkellimx dwar dawn l-indiġeni mbegħdin minna, isemmihom biss biex ikun jista' jqabbel magħhom. U proprju għaliex mhux qed jikteb dwar l-Indios jew dwar Tarżan, il-kummenti tiegħu huma aktar interessanti u jixħtu aktar dawl, għax jesponu kultura li hi tant parti minna li ħafna minna m'aħniex konxji minnha. Ir-riferiment għal Tarżan fir-riflessjoni tat-tieni strofa
jikkonferma l-preġudizzji tal-Punent li Holland jinqeda bihom fil-parti ċentrali tal-poeżija. Minħabba li l-ambjent immedjat li fih jibni, kelma kelma, il-poeżija tiegħu huwa l-ġnien ta' veru tal-Argotti, iżda huwa wkoll il-Ġnien tal-Eden fid-diskors tagħna u l-ġnien metaforiku tal-dinja, il-figura ta' Tarżan tirrappreżenta titjib, iżda mhux tradiment, fuq il-primittività idealizzata tas-subien "slavaġ" tal-ewwel strofa. Ideat kulturali antiki dwar il-firda bejn in-natura u l-kultura, mirfuda mill-Kristjaneżmu, raw lill-bnedmin bħala ċ-ċentru tal-kreazzjoni u bħala ħlejjaq 'il
fuq min-natura.

> *While nature may be God's creation, the earth is the primordial creation of God for man. Man has a soul, as animals and inanimate elements do not; therefore man is the pinnacle of God's creation-made in his image. But the height for man is to be a baptized and true Christian.*[26]

Il-karattru ta' Tarżan, li skont Edward Said kien frott il-"fantasija Anglofila u razzista" ta' Edgar Rice Burroughs,[27] deher għall-ewwel darba fir-rumanz *Tarzan of the Apes* tal-1914, jiġifieri fi żmien meta l-Ewropa Kristjana kellha taħt idejha 85% tat-territorju tad-dinja.[28] F'dan iż-żmien, "No other associated set of colonies in history was as large, none so totally dominated, none so unequal in power to the Western metropolis." [29] Tarżan, iben membru tal-aristokrazija Brittaniku, jisfa abbandunat fil-ġungla tal-Afrika u jrabbuh ix-xadini. Skont Said, il-biċċa l-kbira tal-eroj tar-rumanzi ta' Tarżan huma "*'grey-eyed,' tall Anglo-Saxons; their heroines less emphatically WASP ladies with sinewy, clinging bodies, 'feminine' to a fault.*" Il-ħżiena huma dejjem irġiel, Lhud tal-Lvant tal-Ewropa, Għarab, suwed, u n-nisa huma kważi dejjem ħielsa għal kollox mill-ħażen u d-dnub.[30] Petri Liukkonen jaqbel li Tarzan huwa karattru virili primitti u arketipiku. L-interpretazzjoni ta' John F. Kasson f'*The White Male Body and the Challenge of Modernity in America* (2001) ittella' fil-wiċċ "the urge to recover a primitive freedom and wildness." Kasson jara lil Tarżan bħala "the ultimate self-made, self-taught man," li jisfida r-restrizzjonijiet taċ-ċiviltà moderna u jagħti t-tweġiba tiegħu għall-kriżi "l-ġdida" tal-maskilità.[31]

Minħabba l-istorja speċjali tiegħu, Tarżan għandu sieq fid-dinja hekk imsejħa "superjuri" tal-Punent, u sieq oħra fid-dinja meqjusa bħala "eżotika" tal-ġungla Afrikana. In-nisel

---

[26] Raquel Rubio-Goldsmith, "Civilization, barbarism, and norteña gardens,"*Making Worlds. Gender, Metaphor, Materiality*, ed. Susan Hardy Aiken, Ann Brigham, Sallie A. Marston, Penny Waterstone (University of Arizona Press, 1998), 278.
[27] Edward W. Said, "Jungle Calling," *"Reflections on Exile" and Other Essays* (Cambridge, Massachusetts: Harvard University Press, 2000), 328.
[28] Edward W. Said, *Culture and Imperialism* (London: Vintage, 1993), 6.
[29] Ibid.
[30] Said, "Jungle Calling," 329. "WASP" tirreferi għal membri tal-*American White Anglo-Saxon Protestant* tal-klassi tan-nofs jew ta' fuq dixxendenti tal-ewwel nies min-naħa ta' Fuq tal-Ewropa li marru jgħixu hemmhekk.
[31] Petri Liukkonen, http://www.kirjasto.sci.fi/erburrou.htm fl-2003. Hemm bijografija tajba wkoll fis-sit uffiċjali tal-kumpannija li waqqaf Burroughs, http://www.tarzan.org/. (Dħalt f'das-sit fit-30.12.04)

Oċċidentali u nobbli tiegħu jagħmluh membru ta' elit li għandha s-setgħa f'idejha. Tarżan jgħaddi minn kull tip ta' avventura li tista' timmaġina, u kull waħda minn dawn l-avventuri jispiċċaw bil-konferma trijonfali tas-saħħa, tal-forza morali, u l-awtorità ta' Tarżan. Said jinnota li r-rumanzi ta' Burroughs għandhom sistema li minnha qatt ma jiddevja: Tarżan huwa kemm il-bniedem-xadina salvaġġ, kif ukoll il-John Clayton, jew Lord Greystoke mgħallem u artikolat.[32] Għandu "*invincible strength, brilliant intelligence, faithful friends and relatives (he is the honorary king of an entire tribe of natives, thus giving himself the black vote in darkest Africa), and seems absolutely ageless*."[33]

Meta kien żgħir, Burroughs kien membru tal-kavallerija tal-Istati Uniti u ħa sehem fil-ġlied kontra n-nazzjon Indjan tal-Apache, iżda meta nstab li kien taħt l-età tkeċċa mill-armata. Meta beda jikteb, Burroughs ried joħloq rumanzi li filwaqt li jkunu popolari, jagħtu dik ix-xi ħaġa iżjed mir-rumanzi l-oħrajn, l-hekk imsejħa *dime novels*. Ir-riċetta tiegħu rnexxiet sew: mir-rumanzi li kiteb fuq Tarżan, u mill-films, mill-programmi tar-radju u mill-komiks ispirati minn dan il-personaġġ, Burroughs sar miljunarju. Illum il-ġurnata, Tarżan huwa parti integrali mill-memorja kulturali u mil-lingwa tagħna.
Fl-Ingliż il-kelma "Tarzan" tirreferi mhux biss għall-personaġġ, iżda b'mod ġenerali għal raġel b'saħħtu jew ħafif ħafna,[34] waqt li fit-Taljan il-kelma tirreferi, figurattivament, għal ħalliel akrobatiku, jew, biċ-ċajt, għal żagħżugħ b'saħħtu u bla skola.[35] Il-ħajja tal-awtur u l-bijografija tal-personaġġ li ħoloq huma xhieda tar-r-rabtiet ta' Tarżan mal-kolonjaliżmu nnifsu u mal-mentalità kolonjali.

Tarżan huwa l-indiġenu primittiv superjuri, għax "edukat"; il-ġilda, il-manjieri u l-mod kif jaħseb jidentifikawh man-nozzjoni sterjotipika tal-"bniedem abjad." F'kapitlu 12, imsejjaħ "Man's Reason," tal-ewwel rumanz, *Tarzan and the Apes*,[36] Burroughs jinsisti fuq is-superjorità ta' Tarżan: "But there was that which had raised him far above his fellows of the jungle - that little spark which spells the whole vast difference between man and brute - Reason." Skont Said,

> Burroughs was a relentless Darwinian who believed that the white man would come out on top no matter how handicapped he was by nature or by the far superior strengths of lower forms of anthropoid life. Indeed, Tarzan's life and adventures are heavíly plotted proof of this dictum, that the white man must triumph because, as Burroughs never tires of telling us, he has Reason.[37]

In a way, in Western culture Tarzan is seen as superior even to us common white mortals because apart from being the son of a British aristocrat at a time when the British Empire was at its worldly height he was also a son, or perhaps *the* son par excellence, of the jungle. Unlike Robinson Crusoe, who is an unhappy adopted son of the wild, Tarzan lives *with* the

---

[32] Said, "Jungle Calling," 330.
[33] Ibid., 331.
[34] *The New Shorter Oxford English Dictionary*. Ed. Lesley Brown (Oxford: Oxford University Press, 1993).
[35] Nicola Zingarelli, *Lo Zingarelli. Vocabolario della Lingua Italiana*. Ed. Miro Dogliotti and Luigi Rosiello (Bologna: Zanichelli, 1998).
[36] L-istorja "Tarzan of the Apes ~ A Romance of the Jungle" dehret fil-ħarġa ta' Ottubru 1912 tal-magażin, *All-Story*. Burroughs ingħata 700 dollaru għaliha. *Tarzan of the Apes* ġie ppubblikat bħala ktieb fl-1914. L-ewwel film ta' Tarżan ħareġ fl- 1918, b'Elmo Lincoln fil-parti ewlenija, u dan kompla jagħmel lil Tarżan u lil Burroughs iktar popolari. Eventwalment Burroughs kiteb total ta' 26 ktieb dwar Tarżan. http://www.tarzan.org/ (Dħalt fis-sit fit-30.12.04)
[37] Said, "Jungle Calling" 331.

jungle, so to speak, not merely *in* it; he is at one with the savage nature but he also manages to dominate it. In this sense he is free from the feminine net of the maternal home, not only because his natural mother is dead and his ape mother is too different, but also because he feels free even from his other, "larger" mother, the jungle, the ultimate all-embracing fertile element. Unlike the pathetic Adam who whines about being told to eat the fruit by "his" woman, Tarzan of the first novel is a true man because he is a free adventurer who is not bogged down by women.

F'ċertu sens Tarżan huwa superjuri għall-bojod ukoll għax minbarra li hu abjad u wild l-aristokrazija Brittanika fl-aqwa żmien tal-Imperu tagħha, huwa wild il-ġungla. Kontra Robinson Crusoe, li mhuwiex kuntent li ġie addottat mid-dinja salvaġġa, Tarżan jgħix f'kuntatt dirett magħha u jirnexxilu jaħkimha u jiddomestikaha. Huwa ħieles ukoll mix-xibka femminili tad-dar materna, mhux biss għax ommu proprja hija mejta u l-omm xadina li rabbietu hija differenti wisq minnu, iżda anki għaliex iħossu liberu minn ommu l-oħra, il-ġungla, l-element fertili fl-aqwa tiegħu li fih jiġbor kollox. Kontra l-personaġġ patetiku ta' Adam li joqgħod jeqred għax il-mara qaltlu biex jiekol il-frotta, Tarżan tal-ewwel rumanz huwa "raġel" fl-aqwa sens tal-kelma, għax huwa avventurier liberu għal kollox mill-ktajjen femminili li jxekklu lill-irġiel.

Huwa minnu li Tarżan kien ħabib fidil ta' ħafna indiġeni, imma huwa minnu wkoll li hu meqjus aqwa minnhom għax huwa iktar b'saħħtu, iktar intelliġenti, iktar altruwist, u kellu r-Raġuni. Ironikament, ir-relazzjoni tajba tiegħu magħhom taċċentwa s-superjorità tiegħu fuqhom. F'moħħ ġenerazzjonijiet sħaħ ta' tfal fil-Punent, Tarżan kien (u forsi għadu) mudell tar-raġel abjad superjuri li juża l-kwalitajiet sbieħ tiegħu, fosthom il-qalb tajba, biex jiggwida lill-indiġeni li minnhom infushom jeħtieġu l-protezzjoni u t-tmexxija tal-bojod. Tarżan huwa l-mexxej abjad benevolenti kif għandu jkun, għax dawn il-ġnus primittivi, kif tgħid il-kultura Oċċidentali prevalenti, għadhom lura, mhux iċċivilizzati, jeħtieġu min imexxihom, min jgħallimhom, min joħroġ il-kwalitajiet tajba tagħhom. Mingħajr il-gwida tal-bojod jaqgħu fi-salvaġiżmu proprju tagħhom.

Fil-poeżija "Il-Ġnien," Tarżan isib ruħu fil-parentesi għax il-poeta jirrikonoxxi n-natura mistħajla tal-karattru li nħoloq mhux biss minn Burroughs iżda anki minn ideoloġija u minn kultura Nord Amerikana bajda u imperjali. Madankollu l-poeżija tqiegħed fil-wiċċ ukoll il-preżenza u r-rielaborazzjoni inevitabbli tal-figura ta' Tarżan fil-memorja tal-poeta nnifsu, għax fl-aħħar mill-aħħar hu jħoss ċerta affinità ma' dan il-bniedem-xadina straordinarju. Il-memorji tat-tfulija jikkonsolidaw ruħhom biss wara t-tfulija, u dan il-konsolidament jinvolvi proċess kumplikat ta' ħolqien ta' mudelli ġodda li jixbah simili f'kull sens lill-proċess li permezz tiegħu nazzjon jibni l-leġġendi dwar l-istorja tiegħu.[38] Walter Benjamin jissuġġerixxi li l-veru teżor moħbi fil-memorja huwa magħmul minn xbihat li jistgħu jinkixfu biss wara proċess twil ta' skavar; "dawn il-memorji jistgħu jinbnew mill-ġdid biss fi ħdan il-lingwa li hija dejjem u inevitabbilment traduzzjoni jew interpretazzjoni."[39] Il-memorja, tikteb Linda Grant, hija "*an intricate and ever shifting net of firing neurons ... the twistings and turnings of which rearrange themselves completely each time something is recalled.*"[40] It-

[38] Kwotazzjoni minn Freud li qed jirreferi għall-każ tar-Bniedem Ġurdien tal-1909. King 19.
[39] King 14.
[40] King 14-15.

Tarżan ta' Holland jinsab fil-parentesi għax fil-kuntest ta' "mudell produttiv għall-memorja," mudell li hu viċin tal-istruttura u l-effett tan-narrattiva nfisha, il-kostruzzjoni tal-jien, f'dan il-każ il-jien ta' Holland, huwa proċess proviżjonali u kontinwu, u mhux the "recovery" ta' xi tip ta' identità oriġinali kważi mitika.[41] King issostni li l-qari tat-testi tal-memorja juri li "remembering the self" huwa proċess kontinwu ta' "*re*-membering," ta' tqegħid flimkien ta' mument wara l-ieħor, ta' rikostruzzjoni proviżjonali u parzjali;" skont Linda Grant, il-jien huwa "a work-in-progress," dak li Steven Rose jiddeskrivih b'mod elokwenti bħala "a perpetually re-created neurobiological state, so continuously and consistently reconstructed that the owner never knows its being remade."[42]

Holland qed iqabbad ukoll mal-mit popolari tal-ġungla bħala, ngħidu aħna, "għamla ta' bosk, foresta jew masġar, ġen. fl-Indja, fejn is-siġar, qasab u ħxejjex ikunu hekk folti li jiħabblu f'xulxin u l-qiegħa tkun bosta drabi niedja; fiha jgħammru d-dbejjeb feroċi, sriep eċċ;"[43] jew "a wild tangled mass; a place of bewildering complexity or confusion;" post fejn taħkem il-liġi tal-ġungla, "a scene of ruthless competition, struggle, or exploitation."[44] Il-prinċipju nnifsu tal-mit huwa li "jittrasforma l-istorja f'natura,"[45] li minflok il-ħaġa reali jqiegħed dak li aħna nattribwulha minħabba l-kultura tagħna, minħabba dak li għaddewlna ta' qabilna u dak li għażilna li niftakru. Ironikament, il-ġungla mitika tal-inkonxju kollettiv tagħna tagħtina l-possibbiltà li naħarbu mill-ġungla tal-ħajja urbana moderna – il-figura ta' Henry Holland tal-ġnien-ġungla tal-Argotti toffri l-kenn fis-subborg perikoluż tal-Furjana fejn iħufu n-nisa. Il-parentesi l-oħra ta' Holland, bir-riferimenti għal "skola privata," "*Look and Learn*" u "*Untamed World*," jistgħu jfakkru lill-qarrejja Maltin fit-tip ta' edukazzjoni borgiża, eċċessivament Anglofila jew Anglo-Amerikana,[46] li sawret il-kultura u l-aspirazzjonijiet ta' ħafna tfal u adulti Maltin ta' skola. Frantz Fanon jikteb dwar kif il-kolonizzat jogħlew 'il fuq mill-"istatus tal-ġungla" skont kemm jaddottaw l-istandards kulturali tal-pajjiż-omm.[47] Kollox isir għal "The Other," l-"Oħrajn," għax l-Oħrajn jistabbilixxu u jikkonfermaw lill-kolonizzati huma u jistabbilixxu u jsaħħu lilhom infushom ("*self-validation*").[48] Barra minn hekk, kif jargumenta Barthes, huwa fl-interess tal-borgeżija li tikkonvinċi lil kulħadd li l-ordni tal-borgeżija hija parti min-natura. Holland iqiegħed dawn ir-riferimenti fil-parentesi għax irdi ibiegħed lilu nnifsu minnhom, u l-parentesi jagħtuh il-possibbiltà li juri li hu konxju sew minnhom, iżda jibqa' l-fatt li ma jisfidahomx u ma jimminahomx. Bħal fil-każ ta' Tarżan, nieħdu l-impressjoni li dawn l-elementi jarahom bħala kenn mid-debba tax-xitan qarrieqa u traditriċi li tħuf fid-dinja tal-irġiel. Holland jitkellem dwar it-tfulija tiegħu f'intervista li għamiltu fl-2000:

> "It-tfulija għalija hi tema importanti ħafna. Jew aħjar l-importanza tagħha mhix fiha nnifisha iżda sservi bħala sors, jew għajn li ma jispiċċa qatt. L-esperjenzi, is-sensazzjonijiet tat-tfulija jibqgħu

[41] King 17.
[42] King 175.
[43] Serracino Inglott, *Il-Miklem Malti*.
[44] *The New Shorter Oxford English Dictionary*.
[45] Roland Barthes, *Mythologies*, trans. Annette Lavers (London: Vintage, 1993), 129.
[46] Like Magid in Zadie Smith's *White Teeth* (London: Penguin, 2002, 424), who after eight years returns to London from the Chittagong Hills of Bangladesh more English than the English, a genuine "David Niven."
[47] Frantz Fanon, *Black Skin, White Masks*, trans. Charles Lam Markmann (London: Pluto Press, 1986), 18.
[48] Ibid., 212-213.

> miegħek u naħseb li jsawru ħafna mill-karattru ta' dak li jkun. Vjaġġ lura lejn it-tfulija hu vjaġġ lura lejn l-oriġini biex ngħid hekk.".[49]

Jekk nifhmu l-memorja bħala "anamnesi," bħala proċess kontinwu ta' ftakir, "*remembering*",[50] jew, kif isejħilhom Benjamin, "*endless interpolations into what has been*,"[51] in-narrattiva tinsab f'dik li Holland jipperċepih bħala "vjaġġ lura lejn l-oriġini," ritorn li hu fil-fatt ri-elaborazzjoni u rikostruzzjoni tal-jien iktar milli ritorn lejn xi qalba jew qofol midfun. U l-għajn li qatt ma tinxef tinsab proprju f'dan in-negozjar kontinwu mal-passat li jinsab hawnhekk b'mod vitali bħala l-preżent innifsu. "*It is in and through writing*," tgħid King, "*that memory constructs itself as inevitably 'belated,' but it is through writing that its 'immediacy' is also re-created*."[52]

## Konklużjoni: Il-Letteratura u s-Seduzzjoni

Henry Holland jinqeda bil-lingwa biex jirrikostruwixxi l-esperjenza tiegħu ta' tfulitu fil-ġnien pubbliku tal-Argotti fid-dawl ta' dak li kien magħruf minnu dak iż-żmien, u jitfa' l-attenzjoni tagħna l-qarrejja fuq il-ġrajjiet li llum, li qed iħares lura, jidhru bħala sinjifikattivi. Dawk li jkunu qraw il-poeżija ghall-ewwel darba jaqraw, kif jgħid Brooks f'kuntest ieħor, "*in anticipation of retrospection*." Il-qarrejja jifhmu l-plott parzjalment permezz tal-azzjoni kontinwa tal-memorja, fi proċess simili għall-mod kif il-persuna ġġarrab ħajjitha għall-ewwel darba, mingħajr il-vantaġġ li tista' tħares lura u tqis jew tifli. Il-qarrejja li jerġgħu jaqraw "Il-Ġnien" isibu ruħhom f'pożizzjoni li tixbah lil dik tan-narratur tal-poeżija li jaf x'ġara wara, xi jmiss, u jinsab involut fi proċess simili ta' rikostruzzjoni u interpretazzjoni. Paul Ricoeur isostni li r-rikostruzzjoni ta' narrattiva, dak li jsejjaħlu ir-"*retroactive realignment of the past*," fl-att tal-qari, iħarbat in-nozzjoni komuni tal-ħin u ż-żmien,[53] għax tħallina nġarrbu l-preżenza vitali tal-passat li bilfors irid jinbena mill-ġdid.

L-att tar-riviżitazzjoni hija minnu nnifsu trawmatiku għax, kif tikteb Nicola King, impossibbli tiftakar kollox, impossibbli tirreġistra b'mod preċiż l-esperjenza ta' ħajjitna li għadha għaddejja. L-att tal-fakra jibni u jeqred il-jien fl-istess ħin. Il-passaġġ innifsu taż-żmien huwa trawmatiku għax kif jissuġġerixxi Christopher Bollas, fih hemm it-telf tal-jien u d-distruzzjoni kontinwa għax jitwarrab biex jintesa.[54] Madankollu "il-memorja ma torqodx fil-passat, u sadattant tistenna l-qawmien mill-ġdid," iżda żżomm dak li Boyarin isejjaħlu l-"potenzjal għal kollaborazzjoni kreattiva" bejn l-imgħoddi u l-preżent. King tikkonkludi li x-xogħol tal-memorja huwa wkoll

King tikkonkludi li fix-xogħol tal-memorja hemm ukoll "proċess kumpless ta' negozjar bejn il-fakra u n-nisi," bejn id-distruzzjoni u l-kreazzjoni tal-jien.

> Individual memories of personal histories are constantly reworked and retranslated in the present; so traumatic historical events seem to demand re-representation and re-reading, to

[49] Adrian Grima, "Intervista ma' Henry Holland," Marzu 2000, 30 ta' Diċembru, 2004, http://www.geocities.com/inizjamed/henry_holland.htm.
[50] King 21.
[51] King 23.
[52] King 9.
[53] King 22.
[54] King 179.

> resist the memorialisation which is also a kind of forgetting, the forgetting that assumes that remembering is finished."[55]

"Il-Ġnien" ta' Henry Holland hija ri-elaborazzjoni u traduzzjoni mill-ġdid fil-preżent ta' parti mill-istorja personali tal-poeta, proċess li juri kif il-jien jista' joħroġ mill-ġdid minn esperjenza umiljanti merfugħa fil-memorja biex jieħu lura f'idejh l-istorja tiegħu permezz tal-lingwa, speċjalment permezz tal-użu kreattiv tal-lingwa. Il-poeta kapaċi jħaddem il-lingwa tiegħu kif irid u "*mastery of language*," dik li Paul Valéry isejħilha "the god gone astray in the flesh," toffri lil min jaħkem il-lingwa "poter tal-għaġeb."[56] Permezz ta' din in-narrattiva poetika mhux tas-soltu, Holland qiegħed iżur mill-ġdid u fl-istess ħin jikkrea mill-ġdid l-istorja tiegħu u b'dan il-mod din-narrattiva ssir tassew l-istorja tiegħu. Il-poeżija hija att ta' sfida lingwistika kontra n-nuqqas ta' ħila tal-poeta li jirkupra l-imgħoddi kif kien u l-impossibbiltà li jgħaqqad il-jien tal-imgħoddi mal-jien tal-preżent. Proprju għaliex l-imgħoddi mhuwiex xi entità fissa li qed tistenniena biex niskopruha mill-ġdid iżda "'traduzzjoni mill-ġdid' jew reviżjoni kontinwa" u kreattiva, Holland jista' juża l-lingwa poetika biex jasserixxi l-awtorità kollha possibbli fuq l-istorja tiegħu stess, jista' jaħdem/jagħġen l-istorja tiegħu mill-ġdid f'ordni ġdid maħluq minnu. Il-poeżija ta' Holland hija att tassew kreattiv ta' sfida għax hu konxju mill-qawwa tal-għaġeb li jkollu min jaħkem il-lingwa u permezz tal-lingwa jista' jistabbilixxi l-individwalità u l-indipendenza tiegħu. Wara kollox, kif jgħid Guímarães Rosa, "*raccontare è resístere*," meta tirrakkonta tirreżisti.[57]

L-awto-kuxjenza u s-senswalità ta' vers 11, "'Xaħmet l-art.' Kont nogħxa nlissinha l-kelma torbot eżatt," huma indikazzjoni ċara tal-fidi ta' Holland fil-libertà tal-individwu armat bil-qawwa tad-diskors. F'kumment li tlabtu biex jikteb dwar din il-poeżija f'Marzu tal-2004, Holland jirrifletti fuq s-seħer li għandu l-ħoss tal-kliem fuqu:

> The *naming* of trees, animals etc., is integral to the poem. The actual pronunciation and almost physical relish in mouthing the words example "*xaħmet l-art*", i.e. Skink, (there I go again) is in fact the primal act of poetry speaking itself (sounding like Seamus Heaney here) in obviously one's own native language.[58]

L-għoti tal-ismijiet, skont Holland, jimplika lil Adam innoċenti fil-ġnien tal-Eden qabel il-Waqgħa, "*labeling, categorizing, speechifying the world around him*." Peress li huwa uman, Adam huwa wkoll prużuntuż. "*The persona is speechless when faced with a strange creature which, ironically, the supposedly ignorant gardener actually knows and further more implies other information which is ... adults only. The Fall is inevitable*."[59] Quasimodo jemmen li kull ġenerazzjoni għandha l-problema li trid issib il-lingwaġġ tagħha "*nella continuità o nell'opposizione a precedenti istituzioni culturali e letterarie*,"[60] u Holland jirnexxilu jikkrea l-lingwaġġ partikulari tiegħu li jimmudella l-imgħoddi mill-ġdid, u l-poeżija tiegħu tfakkarna fid-dikjarazzjoni ta' Luis Sepúlveda li n-narrazzjoni hija essenzjalment il-manipulazzjoni taż-żmien, "*narrare non è altro che manipolare il tempo*."[61]

---

[55] King 180.
[56] Fanon, *Black Skin, White Masks*, 17-18.
[57] Luis Sepúlveda, *Raccontare, Resistere. Conversazioni con Bruno Arpaia*, (Parma: Guanda, 2002), 53.
[58] Henry Holland, email lill-awtur, id-9 ta' Marzu, 2004.
[59] Holland, email lill-awtur.
[60] Salvatore Quasimodo, *"A Colpo Omicida" e altri scritti* (Milano: Mondadori, 1977), 206.
[61] Sepúlveda, 37.

Iżda Sepúlveda jistqarr ukoll li "tikteb biex tisseduċu bil-kliem." "Kollox" huwa possibbli: il-letteratura kapaċi twassal l-ideat, tagħti pjaċir, u tipprattika l-arti tas-seduzzjoni, ilkoll fl-istess ħin. Biex persuna tkun kittieba trid tkun seduttriċi. Jekk il-persuna mhix konvinta li qed tuża l-isbaħ kliem fid-dinja; jekk mhix konvinta mill-ħtieġa li tilħaq ordni estetikament perfett permezz ta' dak il-kliem, ordni li timla lil dawk li jaqraw ix-xogħol b'ammirazzjoni, allura dik il-persuna, skont Sepúlveda ma temminx f'dak li qed tikteb. " Ma tista' tagħmel xejn fil-letteratura jekk ma titlaqx mill-prmessa fundamentali li tikteb biex tisseduċi lill-qarrejja."[62]

Naturalment, meta jitkellem dwar is-seduzzjoni, Sepúlveda ma jfissirx "*ammaliare*," jiġifieri li tagħmel seħer, jew tiġbed "b'qerq u b'ħajra ħanja,"[63] kif donnha tagħmel id-debba tax-xitan ta' Holland, u lanqas "*alienare,*" li taljena lill-qarrejja, kif tagħmel il-kultura ta' Tarżan li għandhom is-subien slavaġ fil-kenn tal-"Gotti," iżda jfisser li timxi 'l quddiem id f'id.[64] Il-Holland li issa mmatura jintebaħ li permezz tal-letteratura jista' jisseduċi minflok iħalli ' l ħaddieħor jisseduċih. Huwa konxju li jista' ji(rri)kostruwixxi ordni "perfett" billi l-ewwel jaħfen il-lingwa u mbagħad jimmanipulaha b'tali mod li jista' jieħu lura f'idejh l-istorja tiegħu. Għaldaqstant, minkejja t-taqlib li jġibu magħhom l-aħħar versi tal-poeżija, versi li aktarx jirriflettu l-preżent daqskemm jirriflettu l-imgħoddi, l-adult matur jista' jersaq lura u jammira s-senswalità tal-kliem li jlissen u l-forza tal-memorji li jirrikostruwixxi kontinwament iżda li qatt ma jista' jinjora.




*Verżjoni finali ta' dan l-istudju dehret fit-tieni ħarġa tar-rivista *Fora Melitensia*, ippubblikata mid-Dipartiment tal-Malti tal-Junior College tal-Università ta' Malta u Allied Publishers, 2005

*Dr. Adrian Grima tkellem dwar il-letteratura Maltija, il-kultura u l-Mediterran f'għadd ta' konferenzi f'Malta u barra minn Malta. Ippubblika ktieb tal-poeżija u huwa l-koordinatur tal-organizzazzjoni kulturali Inizjamed.*

[62] Sepúlveda, 35-36. "*Se non si è convinti di stare usando le parole più belle del mondo, della necessità di raggiungere con quelle parole un ordine esteticamente perfetto che riempirà di ammirazione chi legge, non si sta credendo in ciò che si scrive. Non si può fare nulla in letteratura se non si parte dalla premessa fondamentale che si scrive per sedurre il lettore.*"
[63] *Il-Miklem Malti.*
[64] Sepúlveda, 35-36.